MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 235/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Maria Assunta sive Marcelle Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-13 ta’ Awwissu 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ tlett elef, hames mija u erbgha u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€3,544.48) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Credit Card Loan Accounts*” taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “A1 sa A3” u Dok. “B1 sa B3”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta’ Lulju 2013 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 9 ta’ Ottubru

2003 (Dok. "C") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuta Maria Assunta sive Marcelle Cassar (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru 2011 (Dok. "D") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Semghet lill-konvenuta Maria Assunta sive Marcelle Cassar tixhed fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2013 fejn ikkonfermat illi zmien ilu hija hadet loan minghand il-bank attrici u huwa minnu wkoll li waqghet lura fil-pagamenti mensili taghha.  Spjegat illi hija tghix bl-ghajnuna socjali u peress li kien hemm zmien meta d-dipartiment kien baghtilha l-pagamenti mensili li ma kinitx intitolata ghalihom peress li zewg uliedha kienu qeghdin jahdmu, llum il-gurnata qed tircievi inqas minn dak spettanti lilha. Hija spjegat li kienet kelmet lid-dirigenti tal-bank u kienet waslet fi ftehim maghhom li kellha thallas lura s-somma dovuta f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). Cio' nonostante, qalet ukoll li ma lahqitx ma' dawn il-pagament u kienet lesta thallas biss hamsin ewro (€50) fix-xahar.  Mistoqsija jekk taqbilx mat-talba fir-rikors promotur, ikkonfermat li s-somma msemmija hija dovuta kollha minnha.

**Ghaldaqstant, in vista ta' tali xhieda, l-Qorti qed tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-bank attrici s-somma ta' tlett elef, hames mija u erbgha u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€3,544.48)**

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru 2011 (Dok. "D") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur huma kollha a karigu tal-konvenuta.**

**L-imghax jibda jiddekorri mill-5 ta' Lulju 2013 sal-jum tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------